



BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-7 t' April, 2005

lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

dwar l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique

(BĊE/2005/8)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artiklu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat ta' l-awdituri esterni ta' bħalissa tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique (minn issa 'l quddiem 'in-NBB/BNB') skada u mhux se jiġġedded. Jinhtiegħ għalhekk jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2005.
- (3) In-NBB/BNB għażel Ernst & Young Bedrijfsrevisoren/Réviseurs d'Entreprises bħala l-awdituri esterni l-ġodda tiegħu skond ir-regoli tiegħu dwar l-akkwist pubbliku, u l-BĊE jikkunsidra li l-awdituri magħżula jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa għall-ħatra.
- (4) Il-mandat ta' l-awdituri esterni se jkun għal tliet snin u jista' jiġġedded darba waħda,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrikkmandat li Ernst & Young Bedrijfsrevisoren/Réviseurs d'Entreprises għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tan-NBB/BNB mis-sena finanzjarja 2005 għal perjodu ta' tliet snin, b'dan il-perjodu jiġġedded darba waħda.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-7 t' April, 2005.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET